**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 9 ta' Dicembru, 2015

Rikors Nru : 122/15 AL

**AB**

**-vs-**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li permezz tieghu ppremetta :

1. Illi r-rikorrenti u l-intimata zzewgu fit-tmienja ta' April tas-sena elf disa' mija hamsa u sebghin (08.04.1975);
2. Illi minn dan iz-zwieg twieled tifel li jismu G li ghandu erbghin (40) sena;
3. Illi dan iz-zwieg tkisser irrimedjabbilment u l-partijiet ilhom ghal iktar minn erba' snin de facto separati;
4. Illi l-partijiet isseparaw legalment meta finalment waslu ghal kuntratt ta' separazzjoni li gie ippubblikat fit-tletin (30) ta' Gunju elfejn u ghaxra (2010) fl-atti tan-Nutar Dr Reuben Debono anness bhala Dokument A ma dan ir-rikors;

5. Illi l-partijiet ghadhom sal-lum ma irrikonciljawx bejniethom u ma hemm l-ebda tama jew prospett ta' rikonciljazzjoni fil-futur;
6. Illi l-partijiet ghandhom dhul ghalihom personali u ma hemm l-ebda obbligu ta' manteniment reciproku u dan peress li fil-kuntratt ta' separazzjoni personali bejniethom gie dikjarat is-segwenti, "*Il-partijiet qeghdin presenzjalment jiddikjaraw li l-mara qeghda tiddekadi ghal hlas ta' manteniment minghand ir-ragel u r-ragel qieghed jirrinunzja ghal hlas ta' manteniment minghand il-mara";*
7. Illi l-partijiet m'ghandhom l-ebda kwistjoni ohra pendenti bejniethom;

Talab in vista tas-suespost li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, li sehh fit-tmienja ta' April tas-sena elf disa' mija hamsa u sebghin (08.04.1975) ghall-finijiet u l-effetti ta' l-Artikolu 66A(1) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fiz-zmien hekk prefiss minn din il-Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku ai termini ta' l-Artikolu 66A(1) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-24 ta' Marzu, 2015;

Semghet lill-partijiet jixhdu bil-gurament taghhom;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi

ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-30 ta’ Gunju 2010 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.